MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 858/1999/1

**Tabone Installations Limited**

**Vs**

**The Village Bakery Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' erba' mija tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm442.44c0) rapprezentanti hlas ta' xoghol ta' elettriku minnha esegwit fil-canteen tal-fabbika tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u li biha (fol 2 tal-atti) eccepiet bir-rispett:-

Illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, stante li l-materjal installat u kkonsenjat fil-proprjeta' tal-eccipjenti ma kienx dak miftiehem bejn il-partijiet.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub huwa ferm esagerat u hafna oghla mir-rati odjerni f'dik is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess socjeta konvenuta (fol 30 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta l-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li skada t-terminu prefiss mill-ligi.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2002 u li tinsab a fol 33 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali dak verbalizzat a fol 43 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, decisa l-eccezzjoni preliminari sottomessa mis-socjeta konvenuta kif hawn fuq premess, in rigward il-meritu ta' din il-kawza, Carmel Raymond Micallef (fol 12 et seq ibid) spjega li, fl-1997, hu kien qed jesegwixxi xoghol ta' bini, fil-fabrika tas-socjeta konvenuta u waqt li kien qed jsir l-istess xoghol, irrisulta li kien hemm bzonn li jsir xoghol ta' ilma u elettriku fil-'canteen' tal-istess fabrika u filfatt, l-istess socjeta konvenuta kienet talbet lix-xhud sabiex jitkellem ma' David Tabone bl-iskop li s-socjeta attrici tesegwixxi dan ix-xoghol. Difatti s-socjeta attrici kienet esegwiet dan ix-xoghol billi fil-qasir giet maqlugha is-sistema ta' dawl u ilma esistenti u billi saret stallazzjoni

gdida tad-dawl. Dwar dan xehed Mark Aquilina (fol 13 ibid) direttur tal-istess socjeta konvenuta li kkonferma li dik attrici kienet esegwit l-inkarigu moghti lilha. Ta' minn jinnota li dan ix-xhud spjega li qabel ma kien inbeda x-xoghol, is-socjeta konvenuta kienet inghatat stima bil-prezzijiet relattivi ghax-xoghol li kien ser jsir mis-socjeta attrici u kien intlahaq ftehim bejn l-istess partijiet dwar ir-rati ta' hlas waqt li testwalment qal 'Nikkonferma li x-xoghol sar u minn naha tieghu ma kien hemm ebda ilment dwar il-mod jew il-kwalita tax-xoghol' (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmi David Tabone a fol 18 et seq ibid li esebixxa il-'quotation' sottomessa minnu vis-à-vis l-inkarigu esegwit mis-socjeta attrici kif ukoll il-fattura relattiva fol 20 u 21 tal-istess atti).

Illi da parti tas-socjeta konvenuta gie prodott, 'viva voce' sabiex jixhed, Joseph Mifsud, il-kontrollur finanzjarju tal-istess (fol 28 et seq ibid). Dan spjega li wara li kien gie esegwit ix-xoghol in kwistjoni u hu kien irceva l-kont relattiv, kienu saru verifiki dwar dan. Abasi ta' dawn, hu kien wasal ghal konkluzzjoni li l-prezz tax-xoghol , li dwaru ma kienet saret ebda skrittura ta' ftehim, kellu jkun anqas ghax sostna li l-istess kont 'in parte' ma kienx ibbasat fuq ir-rati vigenti fis-suq.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li gie pruvat illi:

a) skond kif xehed l-imsemmi Mark Aquilina, direttur tal-istess socjeta konvenuta, il-partijiet involuti kienu ftehmu fuq ir-rati li a basi taghhom kellu jigi esegwit l-inkarigu moghti lis-socjeta attrici. Dwar dan, ghandu jinghad li ma hemm ebda obligu legali 'ad validitatem' li ftehim bhal dak in esami ghandu jkun bil-miktub izda hu sufficjenti li jsir u jintlahaq verbalment (ara l-artikoli 1232 u 1233 tal-Kodici Civili).

b) L-istess xhud li ghadu kemm gie citat ikkonferma li x-xoghol kien sar u ma kien hemm ebda ilment, dwar l-istess xoghol da parti tieghu. Jigi notat li anke meta xehed Joseph Mifsud, dan ma indika ebda nuqqas fl-esekuzzjoni tal-istess xoghol.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-eccezzjonijiet fil-meritu sottomessi mis-socjeta konvenuta ma jistghux jigu akkolti waqt li gie pruvat ghas-sodisfazjon tal-Qorti, li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm442.44,0 bl-imghax legali mill-10 ta’ Gunju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------